KUNSILL LOKALI TAL-IMTARFA

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Imtarfa**

# IS-SEBA' LEĠIŻLATURA

## Laqgħa Numru 05

**It-Tlieta 29 ta' Ottubru 2019**

Il-Kunsilli Lokali tal-Imtarfa ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fit-*Town Centre*, Triq ir-Reġimenti Maltin, l-Imtarfa fil-5:00 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Dott. Daniel John Attard – Sindku
Kyle Mifsud – Viċi Sindku
Simon Paul Fenech – Kunsillier

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Marika Sammut Dimech – Kunsillier
Christianne Mifsud - Kunsillier

**ASSENTI**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Josette Micallef – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

### 05.1 Qari tal-Apoloġiji

05.1.1 Is-SE qrat ittra ta' apoloġija mibgħuta mill-Kunsilliera Sammut Dimech u oħra mill-Kunsilliera Mifsud. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

### 05.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti 04

05.2.1 Is-Segretarju Ezekuttiv (SE) prezentat il-minuti tal-laqgħa preċedenti li kienu meqjusa moqrija.

05.2.2 Il-minuti tas-seduta numru 4 ġew approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-SE.

### 05.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku

05.3.1 Is-Sindku informa li hu u l-Kunsilliera Sammut Dimech attendew għal-laqgħa plenarja u kkummenta li din kienet interessanti immens. Huwa ħa spunt minn dak li ntqal u ssuġġerixxa li l-Kunsill jesplora l-possibbiltà li l-binjiet tal-Gvern ikunu parti minn proġett ta' tisbiħ permezz ta' zebgħa kkoordinata u pjanata biex il-lokalità tal-Imtarfa tieħu dehra differenti u pozittiva. Kien hemm qbil fuq dan il-kunċett u s-SE għandha tara jekk l-ewwel biċċa xogħol simili tkunx it-taraġ ta' Binja Buqana li jiġi faċċata tal-Imdina. Is-SE infurmat li kienet se tagħmel kuntatt mal-Fondazzjoni Pippo sabiex tikkonferma jkunux interessati jagħmlu tpinġija.

05.3.2 Is-Sindku informa li idea oħra li kien ħa minn dan is-seminar kienet il-bzonn li t-toroq jitreġġgħu lura għar-residenti minflok għall-vetturi u għaldaqstant issuġġerixxa li l-Kunsill jikkunsidra li Triq Vincenzo Bonello tibda tingħalaq għat-traffiku għal numru ta' sigħat kull nhar ta' Ħadd.

05.3.3 Hawnhekk huwa semma' li din it-triq qegħda inkluza fuq l-offerti tal-gvern għar-rikostruzzjoni tat-toroq li jmiss u għaldaqstant il-ħsieb kien li tingħata xejra differenti u aktar *pedestrian friendly*. Is-Sindku informa li skont tagħrif li wasallu, TM kienet se tagħmel xi xogħlijiet rimedjali u temporanji fuq il-ħajt li qed jaqa' sabiex ma jkunx hemm periklu. Hawnhekk kien hemm diskussjoni fil-qosor dwar possibbiltajiet li jistgħu jittieħdu fil-futur biex ikun hemm inqas periklu f'din it-triq u sabiex ma tassorbix daqstant traffiku għaddej fl-istess waqt fejn fost oħrajn issemmew tidal lane (li l-aċess 'il fuq jew 'l isfel ikun bil-ħin kif ukoll tpoġġija ta' traffic lights biex jgħaddi t-traffiku fuq naħa waħda kull ftit minuti). Kien hemm qbil li l-Kunsill għandu jkellem lill-periti biex jiġi fformulat pjan biex jiġi riferit lil IM.

05.3.4 Is-Sindku informa li kellu laqgħa mas-Sindki tar-Rabat u Ħad-Dingli flimkien mas-Supretendent, l-Assistent Kummissarju tal-Pulizija u xi nies oħra dwar il-possibbiltà li jibda jingħata s-servizz ta' *Community Policing* fil-lokalità. Dan is-servizz jista' jingħata min-naħa ta' wara tal-għassa. Huwa semma' wkoll li l-Kunsill irid jipprovdi xi tip ta' trasport bħal *electric bicycle* jew *segway*. Kien hemm qbil mal-inizjattiva u li għandhom jinġabu kwotazzjonijiet.

05.3.5 Is-Sindku staqsa dwar il-*floodlight* ta' Triq Sardinell. Ġie infurmat li din kienet tmexxiet u l-problema ssolviet.

05.3.6 Is-Sindku informali kellu lment dwar id-dawl bejn il-ħwienet ta' taħt il-Kunsill. Is-SE kienet se tikkonferma jekk hemmx xi problema bit-*timers*.

## 05.4 L-attività tal-Imdina Grand Prix 2019

05.4.1 Għall-fini tal-minuti, is-SE infurmat li ma kienx intlaħaq ftehim mal-organizzaturi tal-Imdina Grand Prix u għaldaqstant il-Kunsill kien ħareġ stqarrija li kienet ġiet iċċirkolata mar-residenti kollha u anke mal-midja.

## 05.5 Attivitajiet mill-fondi tal-LESA u attivitajiet oħra

05.5.1 Is-SE ġibdet l-attenzjoni li kienet għadha ma rċiviet xejn min-naħa tal-periti rigward il-parkeġġ ta' Triq Dar il-Kaptan u għaldaqstant kienet bagħtet l-applikazzjoni għal din l-iskema sabiex jinxtraw xi bins u xi bankijiet biex jitpoġġew fl-ispazji vojta.

05.5.2 Is-SE infurmat li l-attività tal-Majjalata kienet spiċċat bi zbilanċ ta' madwar €1600. Għaldaqstant ġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill sabiex meta jkun hemm qbil dwar attivitajiet li ma jkunx hemm baġit għalihom, dejjem għandu jassigura li jkunu *self-funding*.

05.5.3 Is-SE infurmat li l-problema ta' nuqqas ta' garaxx jew store għall-uzu tal-Kunsill kienet saret waħda urġenti għaliex fi ftit tal-ġimgħat oħra kien se jibda t-twaqqigħ tal-kamra tal-periti. Kien hemm qbil li s-SE għandha tikteb uffiċjalment hi lill-Awtorità tad-Djar u titlob li jingħata post alternattiv. Hija kienet se tinfurmahom ukoll dwar il-periklu mis-saqaf fil-kamra ta' bejn il-blocks li kienet tintuza bħala meter room.

## 05.6 Approvazzjoni tar-Rapport Finanzjarju ta' kull kwart (Lulju – Settembru 2019)

05.6.1 Is-SE prezentat kopja tar-rapport finanzjarju hekk kif imħejji mill-*accountant* tal-Kunsill u li kienet diġà għaddiet kopja tiegħu. Is-SE spjegat li s-sitwazzjoni finanzjarja tal-Kunsill għadha tajba għalkemm jidher li għalaqna l-kwart b'*surplus* inqas minn dak antiċipat.

05.6.2 Il-Kunsill approva r-rapport u dan ġie ffirmat mis-Sindku u mis-SE.

## 05.7 Konferma tal-estensjoni tal-offerti

05.7.1 Is-SE prezentat lista ta' offerti li kienu se jgħaddu sentejn minn mindu ġew *awarded* u għaldaqstant talbet il-konferma li jitkomplew għal sena oħra. Dawn l-offerti huma:

MTFLC/T/02/2017 – Servizz tal-perizja

MTFLC/T/04/2017 – Servizz tal-ġbir ta' skart goff

MTFLC/T/05/2017 – Servizz ta' manutenzjoni tal-ġonna

MTFLC/T/06/2017 – Servizz tad-dekorazzjonijiet tal-Milied

05.7.2 Dawn ġew approvati.

05.7.3 Fil-kaz tal-kuntratt tas-soft areas, kien hemm qbil li s-SE għandha tagħmillu kundizzjoni li għandu jgħaddi rendikont tax-xogħlijiet li saru fil-ġimgħa preċedenti.

05.7.4 Sadanittant is-SE talbet ukoll lill-Kunsill sabiex jikkonferma l-bord tal-evalwazzjoni għall-offerta tal-*finishes* tal-*Visitors Centre*, wara li dan kien reġa' ġie ppubblikat għaliex l-ewwel offerta ma kien hemm ħadd li wera interess fiha. Kien hemm qbil li fuq il-bord ikun hemm is-Sindku, il-Viċi Sindku, il-Kunsillier Fenech, is-SE u l-*Project Coordinator*.

## 05.8 Ġbir ta' informazzjoni dwar il-lokalità tal-Imtarfa

05.8.1 Is-SE infurmat li kellha talba biex tibda tinġabar informazzjoni dwar l-istorja tal-Imtarfa. Is-SE infurmat li min-naħa tagħha kienet tkellmet ma' Vince Zammit, awtur u storiku, sabiex matul is-snin li ġejjin jiġi ppubblikat ktieb dwar l-istorja tal-lokalità tal-Imtarfa u li għall-kuntrarju tal-ktieb li diġà ġie varat is-sena li għaddiet, ikun jiffoka aktar fuq tagħrif minflok ritratti.

05.8.2 Kien hemm qbil ukoll li għandu jsir koordinament biex jibdew jittieħdu filmati jew *recordings* ta' xi residenti anzjani.

## 05.9 Restawr tal-proġett tat-torri u bini tal-*Interpretation Centre*

05.9.1 Is-SE infurmat li matul il-laqgħat li kienu qed isiru fir-rigward tar-restawr tat-torri, kien ħareġ fiċ-ċar li x-xogħol tar-restawr tat-torri għandu jiffoka l-aktar fuq il-parti interna kif ukoll fuq il-parti ta' fuq fejn hemm ħsara konsiderevoli u anke minħabba l-fatt li l-ġebla tkun iffurmat lega li tagħmel aktar ħsara jekk tneħħiha. Għaldaqstant parti konsiderevoli tal-fondi kienu se jintuzaw biex isir xogħol fuq affarijiet oħra li ma kinux maħsuba (se jinqalgħu l-uċuh, issir manutenzjoni fuq il-makkinarju, eċċ).

05.9.2 Is-SE infurmat ukoll li l-kuntrattur tar-restawr kien talab il-permess tal-Kunsill biex minflok ma jerġa' jitpoġġa l-materjal aħdar mat-torri kollu, jiddawwar biss sular sular skont fejn ikunu qed jaħdmu. Dan għaliex it-torri tant hu għoli li l-materjal iservi ta' qlugħ fir-riħ li jaħkem u għaldaqstant se jibqa' jitqatta' regolarment. Kien hemm qbil li s-SE għandha titlob lill-kuntrattur biex ineħħi l-materjal mill-aktar fis possibbli.

## 05.10 *Online Streaming (On demand)*

05.10.1 Is-SE infurmat li kienet irċeviet kwotazzjoni għall-*online streaming* hekk kif mitlub mid-DLG. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

## 05.11 Punti oħra

05.11.1 Is-SE infurmat li l-Kunsill kien rebaħ il-fondi biex jixtri apparat biex jintuza fil-librerija pubblika. L-ammont ta' fondi li ntrebħu kienu ta' €2847 li kien il-100% tal-ammont li jista' jieħu, filwaqt li l-Kunsill huwa mistenni li joħroġ is-somma ta' €502.

05.11.2 Is-SE talbet lill-Kunsill sabiex jikkunsidra li l-Laqgħa tal-Lokalità tinzamm fix-xahar ta' Jannar 2020 biex l-amministrazzjoni jkollna ċans taħdem fuq *presentation* biex tintwera waqt il-laqgħa kif ukoll isir ir-rapport amministrattiv u l-formulazzjoni tal-baġit.

05.11.3 Is-SE infurmat li skont ftehim li kien ġie ffirmat is-sena li għaddiet, il-ħaddiema tal-*Community Workers* kellhom id-dritta li jingħataw *performance bonus*. Hija kienet qed tissuġġerixxi li l-iskrivana tingħata *bonus* ta' € 450. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

05.11.4 Is-SE infurmat li kienet għamlet avviz lir-residenti għal min kien jixtieq li jissieħeb fuq xi sottokumitat (skont kif indikat mill-Kunsilliera nfushom). Għaldaqstant dawk li kienu rċevew *email* bl-ismijiet ta' dawk interessati setgħu jibdew ilaqqgħu s-sottokumitati tagħhom.

05.11.5 Is-SE ġibdet l-attenzjoni li kienet irċeviet ittra mingħand il-President tal-AKL dwar in-nuqqas ta' attendenza tal-Kunsillier Mifsud għall-attività li kien ħallas għaliha l-Kunsill u li nġibdet l-attenzjoni tas-SE sabiex tassigura li meta jkun sar ħlas b'mod speċjali, il-Kunsilliera għandhom jonoraw il-ftehim u jattendu għas-sessjoni/laqgħa li jkunu kkonfermaw li se jattendu, inkella għandha tittieħed l-azzjoni neċessarja mill-Kunsill fin-nuqqas ta' dan. Minħabba li kien jidher li l-Kunsillier Mifsud naqset ukoll milli tattendi għal-Laqgħa Plenarja, u li għaldaqstant b'kollox il-Kunsill kien ħallas l-ammont ta' €259 għalxejn, kien hemm qbil li għandhom jitnaqqsu l-ammont ta' €107.66 mill-*allowance* tagħha (il-ħlas għal-laqgħa plenarja). Kien hemm qbil ukoll li kull Kunsillier li jonqos milli jattendi għal xi attività mħallsa mill-Kunsill mingħajr ma jkollu raġuni valida jew jilħaq jiskuza ruħu fil-ħin mal-entità kkonċernata sabiex jiġu rifuzi lura l-flus lill-Kunsill, kienu se jibdew jitnaqqsu l-flus tal-ammont imħallas mill-*allowance* tiegħu. Is-SE kienet se ġġib għall-attenzjoni tal-Kunsill xi kazijiet simili li jista' jerġa' jkun hemm.

05.11.6 Is-SE infurmat li min-naħa tal-Awtorità tal-Ippjanar ma kinux għadhom taw risposta fir-rigward tal-proġett ta' Ġnien is-Sinjura.

05.11.7 Il-Kunsillier Mifsud staqsa jekk il-Kunsill kienx irkupra xi flus lura mill-ispiza tal-*floodlights* li nxtraw għall-*barracks*. Is-SE infurmat li kienet intbagħtet kommunikazzjoni lill-IM imma li għadha bla risposta.

## 05.12 Kommunikazzjoni min-naħa tal-Kunsillier Mifsud, rapprezentant tal-Kunsill

05.12.1 Minħabba li l-Kunsillier Mifsud kienet irrapurtat li hija marida, ma kienx hemm kommunikazzjonijiet x'jiġu mgħoddija.

## 05.13 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda tal-Pagamenti

05.13.1 Kien hemm qbil li għandu jinqata' ammont mill-kont ta' MAD Promotions fir-rigward tal-*uplighters*.

05.13.2 Il-Kunsill approva l-lista tal-pagamenti, kopja tagħha mehmuza. Il-Viċi Sindku propona l-approvazzjoni filwaqt li l-kunsillier Fenech issekonda u għaldaqstant il-lista tal-pagamenti ġiet iffimata mis-Sindku u mis-SE.

## 05.14 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

05.14.1 Il-laqgħa ntemmet fis-7:00pmu ġiet aġġornata għall-Ġimgħa 15 ta’ Novembru fil-5:30pm.

Konfermati, illum il-Ġimgħa 15 ta’ Novembru 2019.

**IFFIRMATA**
Daniel John Attard
Sindku

**IFFIRMATA**
Josette Micallef
Segretarju Eżekuttiv